# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 84, miżmumha nhar 28 ta' Awissu 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fit-tmienja neqsin għaxra ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| Dean Hili - | Pembroke LC | Membru |
| Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| Graziella Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| Mauro Miceli | Swieqi LC | Membru |
| Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |

- Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| Keith Cassar | Mosta LC | Membru |
| A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Ittri ta appoloġiji
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Rapporti
5. Korrispondenza;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Hwejjeġ oħra:
8. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri tal-attendenza. Il-laqgha numru 83 li kellha tinzamm 18 ta' Awissu, ma izzamitx minħabba nuqqas ta' kworum.

### 1. Qar ta' Appologiji

Is-sinjuri Keith Cassar, Giljan Aquilina, u Anne Marie Muscat Fenech Adami kienu skuzati..

### 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 82 ser ikunu preżentati u diskussi fil-laqgha li jmiss

### 4. Komunikazzjoni mill-President

Il-President Anton Mifsud informa lill-membri li l-Bord ta' l-Għazla kien għażel lis-sinjorina Daniela Marotta biex isservi fir-rowl ta skrivana tar-Reġjun. Wara li ikkomunika u ikkonferma mal-membri kollha, kien talab lis-segretarju eżekutiv biex jiprocedi u jdahhal lis-sinjorina



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Marotta. Il-President ippropona biex il membri jifformalizaw din it-talba u l-għażla tas-sinjorina Marotta. Graziella Galea issekondat din il-mozjoni. Il-membri kollha qablu ma' din il-mozjoni.

Il-President talab li fil-laqgha li jmiss jintagħzel il-Vici Presdient.

## 5. Rapporti

Is-segretarju preżenta zewġt rapporti maħduma – wiehed fit-Tarmac Funds – fejn kien propost kif il-kunsilli kollha (aparti l-Imdina li ma ippartecipax) ser iħaddmu l-flus allokati għat-tiswija ta' toroq bit-tarmac.

Ippreżenta wkoll ir-rapport konġunt fuq l-attivitajiet kulturali proposti kemm mill-kunsilli membri kif ukoll mir-reġjun tramuntana.

## Korrispondenza

Il-Proposti rigward L-esc Plan kienu intlaqaw mid-dipartiment. Il-pass li jmiss ikun l-iffirmar ta' Memorandum of Understanding bejn ir-reġjun u d-dipartiment, kopja bażi tiegħi kienet ġa intbagħtet lir-reġjun.

Is-sindlu tal-Mdina Peter Sant Manduca, preżenta stedina lil-membri kunsilliera għal laqgħa ma' diversi sindki Olandizi li ser ikunu Malta F'Ottubru. Preżenta wkoll talba biex issir logħba futbol ma dawn is-sinjuri. Din għandha ssir fi-6 ta' Ottubru 2017. Is-segretarju ntalab jibgħat l-invit lil membri kollha. Peter San Manduca għandu jiċċekja mal-organizaturi dan il-programm mill-liema bliet ġejjien dawn is-sindki.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-segretarju Eżekutiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 83 Il-Perit Graziella Galea ipproponit, u Mauro Miceli issekonda li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

## 55 Affarijiet ohra

Il-president talab lis-Segretarju Eżekutiv sabiex issa li hemm il-ħaddiema kollha, tiddahal uniformi għal ħaddiema.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

European Week – zewġt membri tar-Reġjun kienu bagħtu ix-xewqa li jieħdu sehem għan-nom tar-Reġjun fil-European week. (il-kunsilliera kollha kienu mistednin jieħdu sehem) dawn kienu is-Sur Mauro Miceli u l-Perit Graziella Galea. Is-segretarju Eżekutiv talab lill-membri jagħżlu min ser jitla'. Ittelat bix-xorti l-isem tal partecipant. Mauro Micelli intagħzel biex jitla'. Jekk ma jirranġax max-xogħol, allura għandha titla' il-Perit Galea.

Min-Naħa ta'segretarji eżekutivi, ħadd ma wera x-xewqa li jitla'. Il-membri talbu lis-segretarju Esekutiv jitla' u jirrappreżenta lir-reġjun.

ESC plan

Il-Membri qablu li jiffurmaw diversi sotto kumitati biex jaħdmu fuq il-proposti ta l=-ESC plan.

Mauro Miceli talab biex immexxi issotto kumitat tal-Victoria Lines
Anton Mifsud ser imexxi is-sotto kumitat fuq l-anzjani u disabilita
Charles Azzopardi ser imexxi is-sotto kumitat tal-edukazzjoni
Sandro Azzopardi ser imexxi is-sotto kumitat tal-sport
Folk ??

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra u nofs ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fl-12 ta'Settembru 2017, fis 18.30 hrs. .

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum ...12 ta' Settembru 2017



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt